## P6_TA(2006)0372

# Protezzjoni ta' l-Euro kontra l-iffalsifikar (il-programm 'Pericles') - Stati Membri mhux parteċipanti *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li testendi għall-Istati Membri li mhumiex parteċipanti l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2006/.../KE li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2001/923/KE li tistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni ta' l-Euro kontra l-iffalsifikar (il-programm 'Pericles') (COM(2006)0243 – C6-0180/2006 – 2006/0079(CNS))**

**(Proċedura ta' konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0243)[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 308 tat-Trattat KE, skond liema artikolu huwa ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0180/2006),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0277/2006),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk biħsiebu jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk biħsiebu jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

[1] Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.